MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 8 ta' Ġunju, 2016

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 702/2016LM

**Av Nicolai Vella Falzon għan-nom u in rappreżentantanza tal-assenti: 1. Donna Union Foundation, soċjetà reġistrata ġewwa Liechtenstein, bin-numru ta' reġistrazzjoni FL-0002.065.578.8; 2. Gerold William Hoop (detentur tal-passaport ta' Liechtenstein bin-numru R26186) 3.Wilfried Martin Hopp (detentur tal-passaport ta' Liechtenstein bin-numru R13551)**

**vs.**

**1. Ulmart Holdings Limited (C 73977);**
**2. L-Avukat Dr. Henri Mizzi u Dr. Francesca Galea Cavalazzi permezz ta' nota ippreżentata fit-18 ta' Mejju, 2016 assumew l-atti bħala mandatarji speċjali sabiex jirrappreżentaw: (i) lis-soċjetà estera Koshigi Limited, soċjetà irreġistrata ġewwa l-Gżejjer Verġni Brittanniċi bin-numru ta' reġistrazzjoni 1061127; (ii) lis-soċjetà estera Svoboda Corporation, soċjetà irreġistrata ġewwa l-Gżejjer Verġni Brittanniċi bin-numru ta' reġistrazzjoni 1049032; (iii) lill-assenti Sergey Belyakov, detentur tal-passaport Russu bin-numru**

**721030807, residenti Petergofskoye Highway 17KI, Apt 104, St Petersburg 198328, Russja; (iv) lill-assenti Iurii Kobzik, detentur tal-passaport Russu bin-numru 751463042, residenti Moskovsky Avenue 4, Apt 63, St Petersburg 190031, Russja; (v) lill-assenti Oleg Markin, detentur tal-passaport Russu bin-numru 751541707, residenti Basseynaya Street 53, Apt 85, Saint Petersburg 196135, Russja; (vi) lill-assenti Sergei Tuganov, detentur tal-passaport Russu bin-numru 751863378, residenti Ligovsky Avenue 55/4, Apt 46, Saint Petersburg 191040, Russja.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fl-10 ta' Mejju, 2016 u kkonfermat bil-ġurament mill-**Avukat Nicolai Vella Falzon, għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Donna Union Foundation, Gerrold William Hoop** u **Wilfried Martin Hoop** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti") li permezz tiegħu qiegħed jitlob lil din il-Qorti żżomm lill-intimati milli:

(i) iżommu l-laqgħa tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija intimata Ulmart Holdings Limited imsejħa għad-19 ta' Mejju, 2016 f'nofsinhar [ħin ta' Moska], liema laqgħa ġiet imsejħa unikament sabiex l-poteri kollha tal-bord tad-diretturi tal-istess kumpannija jiġu mogħtija *per procura* u b'mod ġenerali lill-individwi Sergey Belyakov u Oleg Markin u dan bi ksur tal-istatut tal-kumpannija u kontra l-liġi; u

(ii) b'xi mod ieħor jawtorizzaw, jippermettu jew jaħtru bħala mandatarji lill-istess individwi imsemmija jew individwi oħra b'mod illi jiddelegawlhom, jassenjawlhom jew b'xi mod ieħor ituhom id-drittijiet, poteri, funzjonijiet, awtorità, responsabbiltajiet jew doveri tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija b'mod ġenerali jew b'mod li ma huwiex strettament kontemplat jew awtorizzat skont l-istatut tal-kumpannija u skont il-liġi.

Ir-rikorrenti jagħtu s-segwenti raġunijiet għalfejn il-Qorti għandha tilqa' t-talba tagħhom:

Illi l-fondazzjoni Donna Union Foundation ('Donna'), li hija reġistrata fil-Liechtenstein, hija azzjonista tas-soċjetà Ulmart Holdings Limited ('Ulmart'), soċjetà irreġistrata Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni C 73977 liema soċjetà ġiet irreġistrata f'Malta nhar it-18 ta' Jannar, 2016. Illi l-fondazzjoni Donna hija l-proprjetarja ta' 3,500,000,000 sehem ta' 0.001 Dollari Amerikani l-wiehed fis-soċjetà Ulmart Holdings Limited. Illi flimkien mal-fondazzjoni Donna, hemm żewġ azzjonisti oħra fis-soċjetà Ulmart, u ċioé s-soċjetà Koshigi Limited ('Koshigi'), soċjetà estera rreġistrata fil-Gżejjer Verġni Brittanniċi, li hija l-proprjetarja ta' 2,869,600,000 sehem ta' 0.001 Dollari Amerikani l-wieħed u kif ukoll s-soċjetà Svoboda Corporation ('Svoboda'), soċjetà esetera rreġistrata fil-Gżejjer Verġni Brittanniċi, li hija proprjetarja ta' 2,717,600,000 sehem tal-valur ta' 0.001 Dollari Amerikani l-wieħed. Illi għalhekk, bejniethom is-soċjetà Svoboda u s-soċjetà Koshigi huma flimkien proprjetarji ta' 61.484286% tal-azzjonijiet kollha maħruġa fis-soċjetà Ulmart filwaqt illi Donna għandha madwar 39% tal-ishma.

Illi preżentement, l-fondazzjoni esponenti hija rappreżentata minn żewġ diretturi fuq il-bord ta' Ulmart, u ċioé mir-rikorrenti Dr Gerold William Hoop u Dr. Wilfried Martin Hopp. Illi fil-bord tad-diretturi tas-soċjetà intimata hemm erba' diretturi oħra, u ċioé l-intimati l-oħra fl-atti ta' dan il-mandat li huma diretturi appuntanti minn Svoboda u Koshigi.

Illi għalhekk Svoboda u Koshigi flimkien għandhom il-kontroll tal-kumpannija filwaqt illi l-fondazzjoni rikorrenti Donna hija azzjonista minoritarju fi ħdan l-istess kumpannija.

Illi bis-saħħa ta' Notice of Meeting of the Board of Directors datat 22 t'April, 2016, u ċċirkolat minn Skadden Arps Slate Meagher & Flom LLP (kopja ta' liema annessa u immarkata bħala Dok. A), is-soċjetà esponenti ġiet infurmata illi qed tiġi proposta laqgħa tad-diretturi fejn qed ji[i propost li ssir delega ġenerali tal-poteri kollha tal-bord tad-diretturi tas-soċjetà Ulmart Holdings Limited lil żewġ individwi imsemmija fl-istess Avviż.

Illi ai termini tal-Memorandum and Articles of Association tas-soċjetà Ulmart, l-awtorità tal-Bord tad-Diretturi li jaħtru wieħed jew iktar minn wieħed mid-diretturi sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà Ulmart huwa limitat fis-sens illi tali awtorità tista' tingħata biss for <u>a specific purpose or in a specific case or cases or classes of cases</u> (kopja tal-istatut tal-kumpannija annessa u mmarkata Dok. B).

Illi għaldaqstant, dak li qed jiġi propost li jsir fil-laqgħa tal-bord tad-diretturi li mistennija sseħħ nhar id-19 ta' Mejju, 2016 u ċioé illi effettivament jiġu delegati l-poteri u l-awtorità kollha tal-bord tad-diretturi hija proposta li ser twassal għal ksur lampanti tal-istess Memorandum and Articles of Association ta' Ulmart.

Illi inoltre, l-azzjonisti kollha tas-soċjetà Ulmart, u ċioé Donna, Koshigi u Svoboda, flimkien mas-soċjetà Ulmart Holdings Inc. ('UHI'), soċjetà estera rreġistrata fil-Gżejjer Verġni Brittanniċi, bin-numru ta' reġistrazzjoni 1596687, daħlu fi ftehim tal-azzjonisti magħruf bħala Shareholders' Deed of Agreement relating to Ulmart Holdings Inc. ('SHA') datat 11 t'Awwissu, 2015 bis-saħħa ta' liema irregolaw *inter alia* it-tmexxija ta' Ulmart, it-tmexxija tal-Bord tad-Diretturi, u kif ukoll ir-Reserved Matters, u ċioé dawk il-poteri li huma riżervati għall-azzjonisti bi qbil bejniethom ai termini tal-imsemmi SHA. Illi dan il-ftehim tal-azzjonisti huwa intiż biex jissalvagwardja d-drittijiet tal-azzjonisti kollha ta' Ulmart fil-konfront ta' xulxin.

Illi proprju dwar dawn ir-Reserved Matters, l-SHA jgħid illi *The Shareholders will use their respective powers (including their voting rights in respect of the Shares which they hold) to procure (as far as they are legally able) that none of the actions set out in Schedule 4 (each a, 'Reserved Matter) is taken (whether by the Board, the Company, any other member of the Group or any of the officers or managers of any member of the Group or any other person in relation to the Group) without the prior written approval of the holders of more than 66⅔% (sixty six and two thirds per cent.) of the Shares.*

Kopja tal-iSchedule 4, u ċioé tar-*Reserved Matters* kollha li ġew maqbula fl-SHA ġiet annessa u mmarkata bħala Dok. 'C'.

Illi apparti illi l-mandat propost li jingħata mill-bord tad-diretturi fil-laqgħa msejħa għad-19 ta' Mejju, 2016 huwa bi ksur tal-istatut tal-kumpannija u bi ksur tal-liġi

inkwantu jipproponi illi jagħti delega sħiħa tal-poteri tal-bord tad-diretturi lill-mandatarji msemmija, jirriżulta *prima facie* wkoll illi l-iskop tal-mandat kif propost huwa illi bi ksur lampanti tal-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija u bi ksur lampanti tal-SHA, jiġi evitat illi ċertu deċiżjonijiet riżervati għall-azzjonisti tal-kumpannija bi qbil bejniethom jgħaddu f'idejn il-proposti mandatarji tal-kumpannija biex b'hekk jiġi vjolat b'mod assolut id-dritt tal-fondazzjoni rikorrenti illi tkun involuta u li jkollha vot fir-rigward tal-istess deċiżjonijiet;

Illi pereżempju ai termini ta' para 2.1(d) ta' Annex B tal-avviż tal-laqgħa datat 22 t'April, 2016 qed jiġi propost illi l-mandatarji jingħataw l-poter:

> *To negotiate, enter into, execute, conclude, amend and terminate on behalf of the Company all types of contracts, including but not limited to commercial contracts, including but not limited to sale and purchase, lease, exchange, loan, credit, pledge, suretyship, security and guarantee contracts; corporate agreements, including but not limited to shareholder's agreements, joint venture agreements, sale and purchase agreements with respect to shares and participatory interests with the right set out in paragraph (e) of the present power of attorney;*

Illi effettivament, f'każ illi tali proposta skont kif indikata fin-Notice of Meeting of the Board of Directors datat 22 t'April 2016, tiġi aċċettata u konsegwentement jinħatru s-sur Markin u s-sur Belyakov bħala mandatarji ta' Ulmart kif qed jiġi propost, dan ser jsir bi ksur lampanti tal-istatut tas-soċjetà Ulmart u kif ukoll bi ksur tal-paragrafi (a), (b), (c), (d), (e), (f), (g), (h), u (l) tar-raba' skeda tal-SHA u għalhekk bi ksur ukoll tas-salvagwardi li l-azzjonisti qablu bejniethom li kull wieħed kellu jkollu ai termini tal-istess SHA fir-rigward ta' ċerti deċiżjonijiet importanti.

Illi din il-laqgħa kif proposta qed issir fi sfond iktar wiesgħa fejn Svoboda u Koshigi bejniethom, kif rappreżentati mid-diretturi intimati appuntanti minnhom, qed jaġixxu b'mod oppressiv, mhux ġust u diskriminatorju fil-konfront tal-fondazzjoni esponenti u qed isiru diversi manuvri biex l-istess fondazzjoni tiġi mċaħħda mir-rikavat tal-investimenti illi għamlet f'din il-kumpannija u fil-grupp ta' ażjendi fi ħdan l-istess kumpannija. Tant hu hekk illi fl-istess waqt ż-żewġ diretturi li

jirrappreżentaw lill-fondazzjoni esponenti fuq il-bord ta' Ulmart preżentement mhumiex qed jingħatawlhom kopji ta' dokumenti relattivi għat-tmexxija tal-kumpannija, inkluż korrispondenza, kotba finanzjarji, u kif ukoll dettalji dwar transazzjonijiet partikolari li ser tkun qed tagħmel Ulmart.

Illi minkejja li s-soċjetà Ulmart ġiet interpellata sabiex tirtira l-proposta tagħha, din baqgħet inadempjenti, u għalhekk, kellu jiġi ppreżentat dan il-mandat. Kopja tal-ittra relattiva mibgħuta mill-fondazzjoni esponenti u miż-żewġ diretturi li jirrappreżentawha fuq il-bord ta' Ulmart, ittra datata 5 ta' Mejju, 2016, hi annessa u mmarkata bħala Dok. 'D'.

Illi għandu jirriżulta anke fuq baż *prima facie* illi dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddiet tal-fondazzjoni rikorrenti, u bl-aġir tagħhom, l-intimati jew min minnhom, ser jippreġudikaw id-drittijiet tar-rikorrenti b'mod irrimedjabbli u dan għaliex l-esponenti inkwantu fil-minoranza kemm fil-kumpless tal-azzjonisti kif ukoll fuq il-bord tad-diretturi ma għandhomx voti suffiċjenti sabiex iwaffqu l-laqgħa proposta milli ssir jew li r-riżoluzzjoni proposta li tiġi mgħoddija u jekk il-mandat propost jingħata lill-individwi msemmija l-esponenti mhux ser ikollhom mod kif jikkontrollaw l-aġir ta' dawn l-individwi li jkollhom id-dritt jagħmlu dak li jridu f'isem il-kumpannija saħansitra mingħajr ma jkunu jafu d-diretturi rikorrenti għalkemm huma jibqgħu jġorru r-responsabbiltajiet aħħarija għal dak kollu li jsir f'isem il-kumpannija rikorrenti.

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-10 ta' Mejju, 2016 li permezz tiegħu laqgħet provvizorjament it-talba tar-rikorrenti u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Mejju, 2016 fejn laqgħet it-talba tal-Avukat Nicolai Vella Falzon għan-nom u in rappreżentanza tar-rikorrenti mressqa fis-17 ta' Mejju, 2016 permezz ta' rikors b'urġenza fejn talab illi din il-Qorti (i) tawtorizzah sabiex jgħaddi biex jinnotifika lil Dr Alistair Schembri u Dr

Marco Bugelli bħala *co-secretaries* tas-soċjetà konvenuta Ulmart Holdings Limited (C 73977) bil-mezz tal-purtier, u sabiex mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa mid-data tan-notifika lilhom tal-atti tal-mandat u kif ukoll tar-rikors għall-ħatra tal-kuraturi deputati dawn jintalbu jiddikjaraw jekk humiex qed jaċċettaw il-bandu *o meno*; (ii) illi f'każ illi l-imsemmija Dr Alistair Schembri u Dr Marco Bugelli jirrifjutaw in-notifika bil-bandu tar-rikors għall-ħatra tal-kuraturi, tal-atti tal-mandat u tad-digriet bis-saħħa ta' liema din il-Qorti laqgħet provviżorjament il-ħruġ ta' dan il-mandat, jew f'każ illi jonqsu milli jiddikjaraw jekk humiex ser ikunu qed jaċċettaw il-bandu kif premess entro t-terminu mogħti lilhom minn din il-Qorti, sabiex din il-Qorti tgħaddi minnufih sabiex taħtar kuraturi li jirrappreżentaw persuni assenti mill-pajjiż sabiex dawn jiġu notfikati bl-atti tal-mandat.

Rat in-nota ppreżentata fit-18 ta' Mejju, 2016 minn (i) Koshigi Limited; (ii) Svoboda Corporation; (iii) Sergey Belyakov; (iv) Iurii Kobzik; (v) Oleg Markin; (vi) Sergei Tuganov li permezz tagħha infurmaw lil din il-Qorti illi l-Avukati Dr Henri Mizzi u Dr Francesca Galea Cavallazzi kienu ser jiġu appuntati mandatarji tal-esponenti u għaldaqstant ma hemm l-ebda ħtieġa li jiġu appuntati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-esponenti. Addizzjonalment, permezz tal-imsemmija nota l-esponenti formalment taw ruħhom b'notifikati bir-Rikors u d-digriet tal-10 ta' Mejju, 2016 u infurmaw ukoll lill-Qorti illi peress illi kienu ġja infurmati bil-mandat provviżorju notifikat lill-kumpannija Ulmart Holdings Limited, il-laqgħa tad-19 ta' Mejju, 2016 ma kinitx serja tinżamm.

Rat ir-Risposta ippreżentata fl-20 ta' Mejju, 2016 mill-Avukat Henri Mizzi għan-nom u in rappreżentanza tal-intimati **(i) Koshigi Limited; (ii) Svoboda Corporation; (iii) Sergey Belyakov; (iv) Iurii Kobzik; (v) Oleg Markin; (vi) Sergei Tuganov** li permezz tagħha qed jopponi għat-talba tar-rikorrenti, għal dawn ir-raġunijiet:

**Introduzzjoni**

1. Ir-rikors għandu jiġi miċħud għaliex ir-rikorrenti ma ssodisfawx il-vot tal-art. 873(2) tal-Kap. 12 inkwantu, fl-ewwel lok, mhux minnu li l-għoti ta' prokuri hu pprojbit mil-liġi jew mill-istatut; u, fit-tieni lok, għaliex il-ħruġ ta' mandat mhux meħtieġ, partikolarment għaliex ir-rappreżentanza ta' kumpannija, kemm dik mogħtija mill-istatut innifsu, kif ukoll meta tingħata prokura, hi dejjem soġġetta għall-istess statut. Isegwi minn dan li min jirrappreżenta kumpannija jrid dejjem iġib l-approvazzjoni meħtieġa.

**L-isfond fattwali**

2. Il-grupp li tiegħu UHL[1] hi l-*parent company* ilu jeżisti mill-2008 u, għal madwar seba' snin (sal-aħħar tas-sena 2015), ma kienx hemm problemi bejn l-azzjonisti.

3. UHL ġiet ffinanzjata (prinċipalment) b'self mill-azzjonisti (bħalissa għaxar miljun dollaru minn Donna Union Foundation u total ta' għaxar miljun u tliet mitt elf dollaru minn Svoboda Corporation). Addizzjonalment, soċjetà oħra, Ledaro Investments S.A. avvanzat self ta' $30m.

4. Fl-aħħar tliet snin (2013 – 2015) il-UHL grupp irreġistra telf, u għandu bżonn ta' kapital ġdid. Il-bżonn ta' finanzjament ilu jinħass tant li fl-2015 il-UHL grupp kien qabbad lil Deloitte sabiex tissuġġerixxi ristrutturar bil-għan li jtejjeb l-*investor appeal* tal-grupp u lil ditta legali magħrufa Russa EPAM

[1] Ulmart Holdings Limited.

biex jimplimentaw dan ir-ristrutturar. Il-preżentazzjonijiet ta' Deloitte kienu ppreparati f'Diċembru tal-2015 u dawn ingħataw, fost oħrajn, lil Duvernoix Legal, l-avukati tas-sur Vasinkevich, li huwa s-sid ta' Donna Union Foundation ("Donna"). Donna, s-sur Vasinkevich u Duvernoix ma dehru li kellhom ebda problema bil-pariri ta' Deloitte. Fil-fatt Duvernoix kienet ukoll ikkunsidrata bħala ditta legali sabiex timplimenta r-ristrutturar (iżda ġiet magħżula EPAM abbażi tal-esperjenza li kellha) u kienet parti għal ċertu diskussjonijiet fir-rigward tal-idea tar-ristrutturar f'Diċembru 2015.

5. Madwar Diċembru 2015, falla proġett (ieħor) li kellu s-sur Vasinkevich. Kien minn dak iż-żmien - u preżumibbilment bħala konsegwenza tal-falliment - li s-sur Vasinkevich, tramite Donna, beda jitlob il-ħlas lura ta' self ta' $10m li kien għamel lil UHL, u li l-azzjonisti l-oħra jixtru l-ishma ta' Donna. Meta dawn it-talbiet ma sabux widen, is-sur Vasinkevich addotta strateġija aggressiva: beda jostakola kull attentat li UHL kienet qed tagħmel biex tottjeni finanzjament u dan, preżumibbilment, biex l-azzjonisti l-oħra ma jkollhomx triq oħra għajr li jagħmlu dak li jrid is-sur Vasinkevich, jiġifieri li jintradd lura s-self li għamel u li jbiegħ l-ishma bil-prezz li jrid hu. Naturalment, qiegħed jagħti lill-ostakoli tiegħu s-sura ta' oġġezzjonijiet leġittimi, ibbażati fuq allegazzjoni ġenerika ta' aġir oppressiv da parti tal-esponenti.

6. Imma – kif ser jiġi ppruvat, fil-mument u fil-foro opportun,[2] jekk ikun meħtieġ – dan ma hu xejn, fis-sustanza, ħlief rikatt. L-azzjoni mhix intiża biex jiġi protett dritt li għandha Donna, u li qiegħed taħt assedju mill-esponenti. L-azzjoni hi intiża biss biex UHL tinġieb f'xifer il-falliment biex Koshigi u Svodoba jkollhom, biex isalvawha, iċedu għar-rikatt.

**Talba prematura**

7. Kif ser jingħad f'iktar dettal 'il quddiem, il-prokuri, jekk jingħataw, jibqgħu dejjem soġġetti għal kull deċiżjoni meħtieġa mill-bord jew mill-azzjonisti

[2] L-esponenti jifhmu, naturalment, li dawn mhumiex il-proċeduri jew il-foro li fihom għandu jiġi dibattut u deċiż il-mertu. Xejn f'din ir-risposta m'għandu jinftiehem li qed jiġi suġġerit mod ieħor.

skont l-istatut u skont l-SHA. M'hemmx, u qatt ma kien hemm, l-intenzjoni li jiġu aġġirati dawk id-dispożizzjonijiet li qegħdin hemm biex jiġi protetti d-drittijiet ta' Donna u l-azzjonisti kollha tal-kumpannija.

8. Anki t-*timing* tar-rikors jindika li Donna mhix qiegħda taġixxi għaliex għandha inkwiet ġenwin, imma li dan ir-rikors hu parti minn strateġija li toħloq l-ostakoli. Donna aġixxiet b'mod oppressiv meta ppreżentat ir-rikors tagħha mingħajr ma tat lill-esponenti żmien raġonevoli biex jirrispondu għall-ittra tal-5 ta' Mejju, 2016. L-esponenti rċevew din l-ittra fit-3.35pm (ħin ta' Moska) fil-5 ta' Mejju, 2015, b'*deadline* għal risposta ffissata għall-għada (6 ta' Mejju, 2016) fis-6.00pm (ħin ta' Moska). Kif jafu r-rikorrenti, il-perjodu bejn l-1 u 9 ta' Mejju hu tradizzjonalment meqjus bħala perjodu ta' vakanzi fir-Russja, u 2, 3 u 9 ta' Mejju huma fil-fatt festi pubbliċi. Għalhekk, kien magħruf mir-rikorrenti li risposta sas-6 ta' Mejju, 2016 kienet kważi impossibli. Minkejja dan, jew forsi bi pjan premeditat, huma għażlu li ma jistennewx għar-risposta, u ppreżentaw ir-rikors fl-10 ta' Mejju, 2016.

9. Apparti li l-aġir tar-rikorrenti hu milqut b'nuqqas ta' *buona fede,* ir-rikors hu wkoll, fis-sens legali, prematur, u ġie ppreżentat mingħajr konsiderazzjoni tal-fatt li l-ħin li għandha din l-Onor. Qorti hu limitat u li, għalhekk, talba għall-intervent tagħha għandha ssir biss meta hemm bżonnha, u mhux qabel.

10. Il-laqgħa kienet iffissata għad-19 ta' Mejju, 2016. Ma kien hemm ebda ħtieġa li r-rikors jiġi ppreżentat fl-10 ta' Mejju, 2016, tenut kont tal-fatt li l-Qorti tista', kif għamlet, tilqa' t-talba provviżorjament, u tenut kont ukoll tal-fatt li l-esponenti kienu għadhom ma rrispondewx – għar-raġunijiet ġja spjegati – għall-ittra tal-5 ta' Mejju, 2016. Kieku stennew ir-risposta għal dik l-ittra, kien ikollhom l-istess risposta li qed tingħata issa, fis-sens li mhux il-każ, u qatt ma kien intiż, li l-prokuri jaġġiraw l-istatut u l-SHA. Kieku stennew, ma kienx ikun hemm il-bżonn li jadixxu lil din il-Qorti inutilment, u b'mezz straordinarju u odjuż, kif għamlu.[3] Għall-argument li ma kinux jafu

[3] F'**Angelo Joseph Said vs. Ronald Said** (Qorti tal-Appell (Sede Kummerċjali) datata 8 ta' Marzu, 1968) intqal li: "il-mandati kawtelatorji, appuntu għaliex isiru fi żmien meta l-kreditu jew pretensjoni għad ma jkunux ġudizzjarjament aċċertati u stabbiliti, huma odjużi u d-disposizzjonijiet tal-liġi dwarhom għandhom jirċievu interpretazzjoni rigoruża." Ukoll, f'**Angelo Xuereb vs. Marin Hili**, Inib. 3135/94 l-allura Qorti tal-Kummerċ kienet qalet li "dan il-mandat [ta' inibizzjoni]…huwa *mezz eċċezzjonali u mhux normali* ta' provediment legali." (L-emfażi hi miżjuda)

jekk kinitx ser tingħata risposta, il-pożizzjoni tal-esponenti hi li dan kien forsi jiġġustifika rikors ippreżentat ferm iktar viċin id-19 ta' Mejju, mhux kif sar.

**Ebda dritt *prima facie***

11. Fir-rikors promutur, Donna targumenta, fost affarijiet oħra, li

> "..ai termini tal-*Memorandum and Articles of Association* tas-soċjetà Ulmart, l-awtorità tal-Bord tad-Diretturi li jaħtru wieħed jew iktar minn wieħed mid-diretturi sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà Ulmart huwa limitat fis-sens illi tali awtorità tista' tingħata biss *for a <u>specific purpose or in a specific cases or cases or classes of cases</u>..*" (L-emfażi ġiet miżjuda - iżda skorrettement mhux indikata - mir-rikorrenti)
>
> "…illi l-mandat propost …huwa bi ksur tal-istatut tal-kumpannija u bi ksur tal-liġi inkwantu jipproponi illi jagħti delega sħiħa tal-poteri tal-bord…"

12. L-argument - mhux sostanzjat - li d-delega proposta tikser il-liġi, hu kompletament żbaljat. Is-sottomissjoni li d-delega tikser il-*Memorandum of Association* tmur oltre, inkwantu hi ukoll żvijanti.

13. Il-liġi tipprovdi - kif inhu magħruf sew - li l-mandatarju ma jistax jiddelega l-mandat tiegħu, sakemm ma jkunx mogħti s-saħħa li jagħmel hekk mingħand il-mandant.[4] Għalhekk il-liġi ma tipprojbix id-delega tal-mandat mogħti lill-bord imma tħalli l-kwistjoni biex tiġi regolata bl-istatut.

14. Niġu għalhekk għas-sottomissjoni li l-istatut jipprojbixxi d-delega minħabba f'dak li r-rikorrenti jiċċitaw mit-tieni sentenza tal-art. 9(d) tal-*Memorandum* ta' UHL. Jibda biex jingħad li kien ikun ta' għajnuna ferm ikbar għall-Qorti li kieku r-rikorrenti ċċitaw is-sentenza sħiha, mhux parti minnha, u li kieku għamlu dan fil-kuntest tal-artikoli l-oħra rilevanti. Ir-rikorrenti għażlu

[4] Art 1876(1) tal-Kap. 16: *delegatus non potest delegare.*

minflok li jisiltu biss, barra mill-kuntest, dawk il-kliem li, skont huma, javallaw it-teżi tagħhom.

15. L-artikolu 9(d) u (e) tal-*Memorandum* jaqraw hekk:

> "(d) *The legal and judicial representation of the Company shall be vested in any Director.*
>
> *Notwithstanding the above and in addition to the aforesaid, the Board may from time to time appoint any one or more Director(s) and/or any person or persons to represent the Company for a specific purpose or in a specific case or cases or classes of cases.*
>
> *(e) Any Power of Attorney issued by the Company shall be executed by any Director or any person authorised by the Board for this purpose and such power of attorney shall be considered as executed by the Company.".*

16. Hu ċar li:

a. L-istatut stess jiddelega r-rappreżentanza tal-kumpannija, kemm dik legali kif ukoll dik ġudizzjarja, lil kull direttur. In effett, allura, kulma hu qed isir bil-prokuri inkwistjoni hu li d-delega qed tiġi elaborata u formalizzata f'dokument separat; u fil-fatt ir-raġuni għall-prokuri hi proprju din, u ċioé li l-mandatarji jkollhom dokument li jkunu jistgħu jippreżentaw lil terzi meta jiltaqgħu magħhom f'isem UHL. Imma – u dan il-punt hu kruċjali - bil-prokuri, id-diretturi li ser jingħataw id-delega mhux ser ikollhom iktar poteri milli ġja għandhom huma, kif għandhom id-diretturi l-oħra, skont l-ewwel sentenza tal-art. 9(d), u kif ser naraw il-prokuri, bħar-rappreżentanza, tibqa' dejjem soġġetta għall-istatut;

b. L-art. 9(e) jippermetti lill-kumpannija li tagħti *powers of attorney.* Imkien fil-*Memorandum*, fl-*Articles* jew fl-SHA ma hemm restrizzjoni fuq dan il-poter. L-azzjonisti għażlu bir-reqqa dawk il-materji li riedu li

jiġu trattati bħala *Reserved Matters*. Id-delega tal-poteri tal-bord mhix waħda minnhom;

c. Il-kliem li r-rikorrenti jistrieħu fuqhom jiġu wara l-kliem "*[n]otwithstanding the above and in addition to the aforesaid*" (l-emfażi hi miżjuda): jiġifieri l-poter tal-bord li jiddelega kemm lid-diretturi u lil terzi f'każi speċifiċi jew fl-klassijiet ta' każi hu permissiv u mhux restrittiv, billi hu b'*żieda* mal-poter illimitat ta' rappreżentanza li għandu kull direttur.[5]

17. F'kull każ anki jekk, *arguendo,* japplika (f'sens restrittiv) il-kliem fit-tieni sentenza tal-art. 9(d) li jistrieħu fuqhom ir-rikorrenti, xorta mhux il-każ li d-delegi proposti ma jistgħux jingħataw. Dan għaliex id-delegi ma jkoprux il-poteri kollha tal-bord imma jkopru delega ta' klassi ta' poteri kummerċjali lis-sur Markin u klassi ta' poteri dwar disputi lis-sur Belyakov.

18. Ir-rikorrenti ma kinux eżattament korretti mal-Qorti meta ressqu l-każ tagħhom. Qari tal-artikoli kollha rilevanti juri li l-bord għandu l-poter li jagħti l-prokuri inkwistjoni. Fl-agħar ipotesi għall-intimati, hemm kwistjoni fil-mertu f'dan ir-rigward li trid tiġi dibattuta. Imma li kieku wieħed kellu jaċċetta din l-ipotesi, t-test *prima facie* mhux sodisfatt.

19. L-esponenti jissottomettu li biex ir-rikorrenti jissodisfaw lill-Qorti li għandhom dritt *prima facie*, tali dritt irid, mad-daqqa t'għajn, jirriżulta ċar: ċioe l-ġudizzju immedjat, però rivedibbli, li hi mitluba tagħmel il-Qorti, irid iwassalha għall-konklużjoni li rikorrenti għandhom id-dritt minnhom vantat. Mhux li jista' jkun li għandhom dak li l-ingliżi jsejħulu '*an arguable case*', imma li għandhom, mal-ewwel daqqa t'għajn, raġun. Fi kliem ieħor, jekk il-punt hu dibattibli, u hu diffiċli li wieħed jieħu veduta mingħajr studju approfondit, allura l-liġi tiddirieġi lill-Qorti li għandha tirrifjuta t-talba (tant li l-art. 873(2) jgħid, f'diċitura insolita, dak li l-qorti m'għandhiex tagħmel, ċioé li m'għandhiex toħroġ il-mandat jekk iż-żewġ kondizzjonijet mhumiex soddisfatti).

[5] Jista' jagħti l-każ li, inkwantu jirreferi għad-diretturi, t-tieni sentenza tal-art. 9(d) hi milquta minn żball fl-abbozzar. Probabbilment, it-tieni sentenza kienet intiża għal terzi, mhux għad-diretturi.

Dan hu t-tagħlim f'*Grech pro et noe vs Manfré* (14 ta' Lulju, 1988, Qorti tal-Appell):

> "It-tieni rekwiżit, u ċjoé 'li dan ir-rikorrenti *prima facie* jidher li għandu dawn il-jeddijiet' huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat;
>
> Issa mit-trattazzjoni abbli tad-difensuri jidher manifest li qabel ma l-Qorti tasal tibda teżerċita xi diskrezzjoni dwar il-ħruġ tal-mandat, tkun trid tirrisolvi diversi problemi ta' natura legali
>
> [*Omissis*: hawn il-qorti għamlet elenku tal-problemi legali f'dik il-kawża]
>
> Kull waħda minn dawn il-kumplikazzjonijiet legali hija biżżejjed biex twassal għall-konklużjoni li l-ħruġ tal-mandat ma jirriżultax, mal-ewwel daqqa t'għajn. Flimkien, imbagħad ma jħallu ebda dubju li l-ħruġ tal-mandat ma jsegwix *prima facie*;"

**Ebda ħtieġa ta' mandat**

20. *Dato ma non concesso* li jeżisti dritt stabbilit *prima facie,* it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat għandha tiġi miċħuda għaliex, f'kull każ, jonqos l-element tal-ħtieġa.

21. Il-premessa li fuqha jibnu l-każ tagħhom f'dan ir-rigward hi, essenzjalment, din:

> "...l-iskop tal-mandat kif propost huwa illi bi ksur lampanti tal-*Memorandum and Articles of Association* tal-kumpannija u bi ksur lampanti tal-SHA, jiġi evitat illi ċertu deċiżjonijiet riżervati għall-azzjonijisti tal-kumpannija bi qbil bejniethom jgħaddu

f'idejn il-proposti mandatarji tal-kumpannija biex b'hekk jiġi vjolat b'mod assolut id-dritt tal-fondazzjoni rikorrenti illi tkun involuta u li jkollha vot fir-rigward ta' l-istess deċizjonijiet;"

22. Din il-premessa hi żbaljata. La hu l-iskop u lanqas hu l-effett tal-prokuri li jiġi evitat li jiġu aġġirati r-*Reserved Matters* jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra fl-istatut jew tal-SHA li jirrikjedi deċiżjoni mill-bord jew mill-azzjonisti.

23. Kif kull direttur – li, kif rajna, għandu r-rappreżentanza ta' UHL skont l-istatut – irid joqgħod għall-*Memorandum and Articles of Association* biex jeżerċita dik ir-rappreżentanza, hekk ukoll il-mandatarji proposti huma marbuta bl-istess mod. Biex jiġi evitat kull ekwivoku, l-esponenti jirrikonoxxu - espressament u formalment - li l-*powers of attorney* huma soġġetti kemm għall-*Memorandum and Articles of Association* u kif ukoll għall-SHA. Dan ifisser li fejn hemm il-ħtieġa li deċiżjoni trid tittieħed mill-bord tad-diretturi, allura l-mandatarji ma jistgħux jaġixxu qabel ma tittieħed dik id-deċiżjoni. Jfisser ukoll li, fejn hemm ħtieġa li deċiżjoni tittieħed minn, jew ikollha l-approvazzjoni tal-azzjonisti, allura hawn ukoll il-mandatarji ma jistgħux jaġixxu qabel ma tittieħed id-deċiżjoni u tinġieb l-approvazzjoni skont il-*Memorandum and Articles of Association* u/jew l-SHA.

24. Għalhekk, mhux minnu li l-iskop jew l-effett tal-prokuri hu li jiġu aġġirati d-dispożizzjonijiet tal-istatut jew tal-SHA li jirrikjedu li deċiżjoni tittieħed minn organu tal-kumpannija, sew jekk dak l-organu hu l-bord, sew jekk hu l-korp tal-azzjonisti, b'maġġoranza sempliċi jew kwalifikata. Biex ma jkun hemm ebda malintiż dwar x'qed jingħad, jiġi ċċarat li, mingħajr preġudizzju għal dak li għadu kif intqal f'dan il-paragrafu u f'dak preċedenti, kwalunkwe att li jikkostitwixxi *Reserved Matter* (u li allura jkollu bżonn vot favorevoli ta' 66⅔% tal-azzjonisti) ma jistax jiġi attwat mingħajr ma jkollu l-approvazzjoni tal-azzjonisti b'din il-maġġoranza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2016 fejn ir-Rikors tħalla għal digriet kamerali.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti fondazzjoni Donna Union Foundation hija azzjonista tas-socjetà intimata Ulmart Holdings Limited. Il-fondazzjoni Donna hija l-proprjetarja ta' 3,500,000,000 sehem ta' 0.001 Dollari Amerikani l-wieħed fis-soċjetà Ulmart Holdings Limited.

Illi flimkien mal-fondazzjoni Donna Union, hemm żewġ azzjonisti oħra fis-soċjetà Ulmart, u ċioé s-soċjetà Koshigi Limited, proprjetarja ta' 2,869,600,000 sehem ta' 0.001 Dollari Amerikani l-wieħed u kif ukoll s-soċjetà Svoboda Corporation, proprjetarja ta' 2,717,600,000 sehem tal-valur ta' 0.001 Dollari Amerikani l-wieħed.

Illi għalhekk, bejniethom is-soċjetà Svoboda u s-soċjetà Koshigi huma flimkien proprjetarji ta' 61.484286% tal-azzjonijiet kollha maħruġa fis-soċjetà Ulmart filwaqt illi l-fondazzjoni Donna Union għandha madwar 39.515% tal-ishma.

Illi preżentement, l-fondazzjoni Donna Union hija rappreżentata minn żewġ diretturi fuq il-bord ta' Ulmart, u ċioé mir-rikorrenti Dr Gerold William Hoop u Dr Wilfried Martin Hoop.

Illi fil-bord tad-diretturi tas-soċjetà intimata Ulmart hemm erba' diretturi oħra, u ċioé l-intimati l-oħra fl-atti ta' dan il-mandat li huma diretturi appuntanti minn Svoboda u Koshigi.

Illi s-setgħat tal-kumpannija intimata Ulmart inklużi dawk tal-bord tad-diretturi huma limitati bi klawżola dwar *reserved matters* li tinstab fl-istatut tal-kumpannija kif riaffermata permezz ta' ftehim tal-azzjonisti sabiex deċiżjonijiet ta' ċerta portata kif hemmhekk elenkati ma jittieħdux jekk mhux b'maġġoranza tali li effettivament irid ikun hemm kunsens bejn it-tliet azzjonisti tal-kumpannija.

Illi riċentement issejħet laqgħa sabiex jingħataw prokuri b'poteri wiesgħa lil żewġ diretturi maħturin minn Koshigi u Svaboda u dan wassal lill-fondazzjoni Donna Union u d-diretturi minnha maħturin biex jitolbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex dan ma jsirx billi skonthom dan jimmina l-Istatut u l-ftehim tal-azzjonisti fuq imsemmija.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi skont l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) <u>ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrent:</u>

Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ *periculum in mora.*

<u>(2) iż-żamma tiegħu tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd:</u>

Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-preġudizzju. Rikonoxxut il-

jedd *prima facie* tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat".

Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.[6]

Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioé telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara** et deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Mħallef J.R. Micallef:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".[7]

<u>(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd:</u>

Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita

---

[6] Ara digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħti fit-2 ta' Jannar, 1993 - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Avukat Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et noe**.
[7] Ara ukoll **IWT Group Malta Ltd vs. Direttur Ġenerali Kuntratti et** mogħti fil-11 ta' Marzu, 2003.

ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib[8].

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.".

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħrug tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.[9]

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew

[8] Ara digriet – Qorti tal-Kummerċ – 26 ta' Mejju, 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs. Joseph Caruana Curran noe et** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).

[9] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph**.

saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk mhix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Ara **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :

> "il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem.".

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma

jibqgħax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[10]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[11]

**Ikkunsidrat:**

Illi l-prokura proposta li ssir favur Sergey Belyakov tawtorizzah jirrappreżenta lill-kumpannija f'atti ta' kwalunkwe xorta quddiem kwalunkwe awtorità jew aġenzija statali, u quddiem il-Qrati. Il-prokura proposta favur Oleg Markin tawtorizzah jagħmel kull ħaġa li jidhirlu siewja li ssir biex jiġġestixxi l-kumpanniji kollha sussidjarji tal-kumpannija fir-Russja kif ukoll biex jinnegozja f'isem il-kumpannija attività ta' kull xorta, inklużi *"negotiations with business partners, enhancing market share, establishment of joint ventures, risk assessment, setting new business strategies and general business development".*

[10] Digriet datat 18 ta' Lulju, 2008 fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti.**
[11] Ara **V&C Contractors Limited et vs. Direttur tal-Kuntratti** deċiża fil-31 ta' Jannar, 2011 per Imħallef J. Zammit McKeon.

Illi m'hemmx dubbju li dawn il-prokuri mhumiex immirati biex jaqdu skop speċifiku, jew każ speċifiku, jew każijiet speċifiċi, inkella xi kategoriji ta' każijiet, imma biex jagħtu setgħat wiesgħa ħafna, u ġenerali, lid-diretturi kkonċernati. Għalhekk jidher, mal-ewwel daqqa t'għajn, li sejrin isiru bi ksur ta' klawżola 9(d) tal-Memorandum of Association tal-kumpannija.

Illi l-intimati jargumentaw li s-setgħat mogħtija permezz tat-tieni paragrafu ta' klawżola 9(d) huma b'żieda mas-setgħat ġenerali ta' rappreżentanza legali u ġudizzjali mogħtija lil kull direttur fl-ewwel paragrafu. Filwaqt li dan huwa minnu, ma jfissirx li l-Memorandum jagħti fakultà biex jingħataw setgħat ta' sura ġenerali kif inhuwa propost li jingħataw liż-żewġ diretturi msemmija.

Illi filwaqt li safejn terzi huma kkonċernati, direttur jista' jirrappreżenta lill-kumpannija b'mod ġenerali, vis-à-vis l-kumpannija dan jista' jagħmlu biss jekk ikun debitament awtorizzat permezz ta' riżoluzzjoni tal-bord tad-diretturi u dan dejjem konformement mal-istatut tal-kumpanniija. Il-fatt li direttur ikollu r-rappreżentanza legali u ġudizzjali tal-kumpannija ma jfissirx li jista' jagħmel li jfettillu mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-bord. Min-naħa l-oħra, permezz tal-prokuri inkwistjoni, il-Bord ikun qiegħed jawtorizza lid-diretturi maħturin bħala prokuraturi biex jeżerċitaw is-setgħat wiesgħa msemmijin fil-prokuri mingħajr ma jkun hemm bżonn tal-awtorizzazzjoni minn qabel tal-istess Bord.

Illi huwa minnu li, kif jgħid **Prof. Andrew Mucat, *Principles of Maltese Company* Law**[12]*,* iċċitat mill-abbli avukat difensur tal-intimati, *"there can be no doubt that as long as they are duly authorised by the memorandum or articles of association, the directors of a company may appoint a mandatory to act on such company's behalf"* u illi *"the articles of association of the vast majority of companies do in fact contain this power"*. B'danakollu, fil-każ preżenti, dan il-poter jidher li ġie ristrett u kkwalifikat mill-imsemmija klawżola 9 tal-Memorandum tal-kumpannija.

Illi l-prokuri kif proposti li jsiru jikkonferixxu ċerti setgħat li *prima facie* jidher li huma kkunsidrati bħala *"reserved matters"* permezz tal-klawżola 102 tal-Articles of Association u għalhekk jinħtieġu l-approvazzjoni bil-miktub ta' iktar minn żewġ terzi tal-ishma tal-kumpannija. Il-prokura favur Sergey Belyakov m'għandhiex il-limitu ta' $500,000 (ħames mitt elf dollaru) imposta minn klawżola 102(i). Il-prokura favur Oleg Markin tawtorizzah jidħol f'negozju li jaqgħu taħt *"reserved matters"*. Pereżempju paragrafi (ċ) u (f) tal-prokura jawtorizzaw varjazzjoni fis-*share capital* ta' kumpanniji sussidjarji bi ksur ta' klawżola 102(g) u (k). Paragrafu 2.1(a) dwar *joint ventures* jikser klawżola 102(h).

Illi jidher ukoll *prima facie* li d-delega wiesgħa proposta li tingħata fil-prokuri tikser ukoll il-ftehim tal-11 t'Awwissu 2015 li sar bejn l-azzjonisti kollha tal-kumpannija li permezz tiegħu rregolaw it-tmexxija ta' Ulmart, it-tmexxija tal-bord tad-diretturi, kif ukoll tar-*reserved matters* imsemmija fl-istatut tal-

[12] Paġna 852.

kumpannija. Dan il-ftehim jittratta wkoll ir-*reserved matters*: *"The Shareholders will use their respective powers (including their voting rights in respect of the Shares which they hold) to procure (as far as they are legally able) that none of the actions set out in Schedule 4 (each a, "Reserved Matter") is taken (whether by the Board, the Company, any other member of the Group or any of the officers or managers of any member of the Group or any other person in relation to the Group) without the prior written approval of the holders of more than 66⅔% (sixty six and two thirds per cent) of the Shares".*[13]

Illi m'hemmx dubbju li l-mandat ta' inibizzjoni huwa meħtieġ biex jitħares dan il-jedd pretiż mir-rikorrenti. Jidher ċar li kull waħda mit-tliet azzjonisti tal-kumpannija intimata, ċjoé Donna Union (il-fondazzjoni rikorrenti) Koshigi u Svoboda fl-Istatut tal-kumpannija Ulmart Holdings Limited tipproteġi l-interess rispettiv tagħha fil-konfront tal-azzjonisti l-oħrajn billi bejn wieħed u ieħor kull waħda minnhom għandha terz tal-ishma. Minkejja dan, jidher li ħassew li l-Istatut ma kienx jipproteġi biżżejjed l-interessi tagħhom u saħħew il-pożizzjoni tagħhom permezz tal-ftehim bejn l-azzjonisti tal-11 t'Awwissu 2015 (*Shareholders' Deed of Agreement relating to Ulmart Holdings Inc.)*. Dan billi huwa evidenti li għalkemm fl-ewwel snin kollox mexa ħarir fi ħdan is-soċjetà Ulmart Holdings Limited, riċentement inqala' disgwid kbir dwar il-finanzjament tal-kumpannija. Sintomatika ta' din is-sitwazzjoni hija l-ittra li l-fondazzjoni rikorrenti bagħtet biex twissi lid-

[13] Kopja tal-i*Schedule 4,* u ċioé tar-*Reserved Matters* kollha li ġew maqbula fl-SHA hija esibita a fol. 52 u 53.

diretturi li dawn għandhom obbligi fiduċjarji fil-konfront tal-kumpannija, u b'mod partikolari biex jonoraw ir-*reserved matters* kif ukoll il-ftehim bejn is-soċji fuq imsemmi.[14]

Illi m'hemmx dubbju li l-poteri wiesgħa proposti li jingħataw fil-prokuri jimminaw għalkollox dawn il-kawteli u jistgħu jikkawżaw preġudizzju irrimedjabbli lill-fondazzjoni rikorrenti li tista' ssib ruħha rinfaċċjata b'*fait accompli* anke billi skont l-Artikolu 137(5) tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji, soċjetà kummerċjali hija marbuta ma' dak li jikkuntratta direttur f'isimha minkejja limitazzjonijiet li jista' jkun hemm fl-Istatut.[15]

Illi huwa minnu li kemm fir-Risposta, kif ukoll waqt it-trattazzjoni bil-fomm, il-konvenuti jirrikonoxxu li l-prokuri huma suġġetti għall-istatut tal-kumpannija kif ukoll għall-ftehim bejn is-soċji, iżda l-Qorti bir-rispett kollu tħoss li dan ma jneħħix il-periklu għar-rikorrenti speċjalment meta si tratta ta' operazzjonijiet f'pajjiżi barranin.

## Decide

**Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrenti billi żżomm lill-intimati milli:**

[14] Dok. DUF8 a fol. 142.

[15] 137(5): "Kull limitazzjoni fuq is-setgħat tal-bord tad-diretturi jew ta' xi direttur tal-kumpannija ma tinġiebx bħala prova kontra terzi indipendentement jekk dik il-limitazzjoni, pubblikata jew le, toħroġx mill-memorandum u l-istatut jew minn xi riżoluzzjoni tal-laqgħa ġenerali jew minn xi deċiżjoni tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija.".

**(i) jżommu l-laqgħa tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija intimata Ulmart Holdings Limited msejħa għad-19 ta' Mejju, 2016 f'nofsinhar [ħin ta' Moska], liema laqgħa ġiet imsejħa unikament sabiex l-poteri kollha tal-bord tad-diretturi tal-istess kumpannija jiġu mogħtija *per procura* u b'mod ġenerali lill-individwi Sergey Belyakov u Oleg Markin; u**

**(ii) b'xi mod ieħor jawtorizzaw, jippermettu jew jaħtru bħala mandatarji lill-istess individwi msemmija jew individwi oħra b'mod illi jiddelegawlhom, jassenjawlhom jew b'xi mod ieħor ituhom id-drittijiet, poteri, funzjonijiet, awtorità, responsabbiltajiet jew doveri tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija b'mod ġenerali jew b'mod li mhuwiex strettament kontemplat jew awtorizzat skont l-istatut tal-kumpannija u skont il-liġi.**

**Spejjeż a kariku tal-intimati**

Mogħti kameralment